

Brussell, 1 ta' Diċembru 2017  
(OR. en)

14538/17

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2017/0213 (APP)**

---

**RECH 375  
FIN 733  
COMPET 788  
ENER 457**

**NOTA PUNT "I/A"**

|                |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
|----------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:          | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                            |
| Nru dok. Cion: | 11947/17 RECH 295 FIN 523 COMPET 587 ENER 348 - COM(2017) 452 final                                                                                                                                                                                                                                                |
| Suġġett:       | Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2008/376/KE dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond Ewropew għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm<br>- Qbil fil-prinċipju<br>- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew |

1. Fil-25 ta' Awwissu, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2003/76/KE li tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità, fuq il-konsegwenzi finanzjarji tad-data tal-għeluq tat-Trattat tal-KEFA u fuq il-Fond tar-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Dok 11947/17.

2. Id-Deċiżjoni proposta hija limitata fil-kamp ta' applikazzjoni u għandha l-għan li tipprovdi soluzzjoni tranżitorja għat-tnaqqis eċċezzjonali fid-dħul li jirriżulta mill-assi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) f'likwidazzjoni ddedikata għall-finanzjament ta' proġetti ta' riċerka għall-faħam u l-azzar. It-tnaqqis, ikkaġunat minn sitwazzjoni ta' rati baxxi tal-imgħax fis-swieq kapitali f'dawn l-aħħar snin, wassal għar-reviżjoni proposta tar-regoli dwar il-kanċellazzjoni tal-impenji magħmula taħt il-programm ta' riċerka tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (FRFA) u fuq ammonti rkuprati, sabiex jiġi awtorizzat ir-riċiklaġġ tagħhom fil-programm ta' riċerka. Dawn id-diżimpenji u l-ammonti rkuprati mill-FRFA ma jistgħux jiġu allokat i għal partiti tal-baġit oħrajn għajr ir-riċerka fis-setturi marbuta mal-industrija tal-faħam u l-azzar, skont il-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat KEFA u dwar il-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka eżamina l-proposta fit-2 ta' Ottubru, it-23 ta' Ottubru u t-13 ta' Novembru u qabel dwar għadd ta' emendi prinċipalment sabiex it-test ikun aktar komprensiv u ċar mil-lat legali.
4. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat KEFA u dwar il-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, il-Parlament Ewropew irid jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:
  - jaqbel fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti u kif imniżżel fid-dok. 14532/17, u
  - jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dok 14532/17 lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.